MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 622/2006

Rikors Nru : 622/06 AL tas-socjeta' Malta Industrial Parks Limited (C 28965)

**Fl-atti tal-kawza Citazzjoni Nru 1095/1999 AJM**
**fl-ismijiet**
**Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta**
**Vs**
**TEG Industries Limited (C 5546)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li biha is-socjeta' rikorrenti issottomettiet :

Illi b'sentenza tat-12 ta' Lulju 1999, fl-ismijiet fuq premessi, li kopja legali taghha tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A", liema sentenza ghaddiet in gudikat, din il-Qorti kkundannat lis-socjeta konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' sebat elef u erba' u tletin

lira u sittin centezmu (Lm 7034.60) u dan skond ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat bejn il-partijiet. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta konvenuta;

Illi sa mid-data tas-sentenza sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors iddekorra imghax fuq l-ammont kanonizzat bil-precitata sentenza Ii jammonta ghal tIitt elf disa' mija u wiehed u tletin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm 3931.68);

Illi skond it-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjes rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti, hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. B" l-ispejjez inkorsi mill-Koporazzjoni attrici f din il-kawza jammontaw ghal sitt mija u tlieta u tletin lira u sittax-il centezmu (Lm 633.16);

Illi sallum l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta a bazi ta' l-imsemmija sentenza huwa ta' hdax-il elf hames mija u disgha u disghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm 11599.44) u dan peress Ii l-istess socjeta konvenuta qatt ma ghamlet l-ebda pagament skond l-istess sentenza;

Illi din is-sentenza qatt ma giet ezegwita u llum ghaddew aktar minn hames snin mill-jum Ii fih setghet tigi ezegwita u billi s-socjeta esponenti
ghandha interess Ii tezegwixxi din is-sentenza f'dan l-istadju qieghda tirrikorri quddiem din il-Qorti a tenur ta' l-Art. 258 et seq tal-Kap. 12;

Illi ai termini ta' l-0rdinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169) kif emendata bl-Att 111 ta' l-2004 hu pprovdut illi kull jedd jew obbligu Ii kien jispetta lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta fir-rigward ta' xi artijiet ghandu jvesti f'dik l-awtorita Ii ghandu jsemmi l-ministru responsabbIi bhala l-awtorita minflok l-imsemmija Korporazzjoni attrici;

Illi permezz ta' l-Avviz Legali 360 ta' l-2004, il-Ministru responsabbIi semma' lis-socjeta esponenti bhala l-awtorita kompetenti u permezz ta' l-Avviz Legali 361 ta' l-2004 ghadda lill-istess socjeta esponenti, bhala l-

awtorita kompetenti, l-amministrazzjoni ta' diversi artijiet, fosthom il-fabbrika li kienet giet koncessa lis-socjeta konvenuta;

Illi ghalhekk is-socjeta esponenti assumiet l-obbligi u l-jeddijiet kollha li kienu jispettaw lill-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta a bazi tal-precitata sentenza;

Illi l-Avukat Dottor Katrina Borg Cardona, detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 538673M, ghan-nom tas-socjeta esponenti, debitament awtorizzata, qieghda bil-gurament taghha tikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors;

Illi ghalhekk l-istess is-socjeta rikorrenti titlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tawtorizza lis-socjeta esponenti Malta Industrial Parks Limited sabiex tipprocedi bl-esekuzzjoni tas-sentenza precitata tat-12 ta'
Lulju 1999 fl-ismijiet "Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta vs TEG Industries Limited" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha opportuni.

Rat li s-socjeta' intimata notifikata ma ipprezentatx risposta u lanqas dehret ghar-rikors;

Rat li r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta' rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------